# Id-Devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu f'B'Kara (1600-1904)

**minn Winston L. Zammit BA (Hons), PGCE, MA**

Fost id-devozzjonijiet Marjani li huma mxerrda sewwa fil-gżejjer Maltin, insibu d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu. Il-firxa ta' din id-devozzjoni tidher sewwa minn żewġ kotba li huma *Malta Karmelitana*, ktieb li ġie ppubblikat fl-1951, fl-okkażjoni tas-Seba' Ċentinarju tal-Labtu, u li fih ritratti tal-kwadri ta' l-altari tal-Madonna tal-Karmnu li hawn fil-gżejjer Maltin. Il-ktieb l-ieħor huwa *Marian Devotions in the Island of St Paul*, ktieb ibbażat fuq riċerki, li ġie ppubblikat minn Mons. Vinċenz Borg fl-1983, fl-okkażjoni tal-Kungressi Marjani li kienu saru f'Malta dik is-sena. F'dan il-ktieb insibu tagħrif dokumentat dwar l-għeruq u l-firxa tad-devozzjonijiet Marjani fil-gżejjer Maltin, fosthom dik tal-Madonna tal-Karmnu.

F'B'Kara, li ilha parroċċa żgur mill-1402, ixxettlet, issaqqiet, kibret u fflorixxiet id-devozzjoni lejn Sidtna Marija tal-Karmnu, permezz ta' l-altari, it-Terz'Ordni u Fratellanzi. Din id-devozzjoni jidher li bdiet fil-Knisja l-Qadima u minn hemm ġiet trasferita fil-Kolleġġjata Elenjana. Mal-bini tal-Knisja ta' San Alfons fil-Wied, id-devozzjoni xxettlet hemm ukoll billi bdew juffiċċjaw fiha t-Terezjani.


L-Artal tal-Karmnu
fil-Kolleġġjata ta' B'Kara

**FIL-KNISJA L-QADIMA** Fil-Knisja l-Qadima, li ġiet elevata għad-dinjità ta' kolleġġjata bil-bolla tal-Papa Urbanu VIII tal-5 ta' Diċembru 1630, insibu li kien hemm altar iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu. F'xi żmien qabel l-1709, it-Terzjarji Karmelitani kienu ħadu ħsieb ir-ridekorazzjoni ta' dan l-altar, u għamlu wkoll kwadru ġdid li kien fih lill-Madonna tal-Karmnu, San Xmun Stock, San Franġisk t'Assisi u Sant'Agata. Mill-atti tal-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Alpheran tal-1736, nafu li fuq dan l-altar, permezz ta' fundazzjoni, kienet issir il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fis-16 ta' Lulju.

Fil-Knisja l-Qadima kienet ukoll issir id-devozzjoni tas-Sebat Erbgħat ta' l-Udjenza. Din id-devozzjoni nbdiet minn Dun Giovanni **Battista Scicluna** li kien Vigarju **Perpetwu** (1689-1692), u wara l-ewwel Kanonku Arċipriet tal-Kolleġġjata (1692-1740). Aktar 'il quddiem Maria Degabriele, in-neputija ta' l-imsemmi Arċipriet, għamlet għotja biex titkompla din id-devozzjoni.

**FIL-KOLLEĠĠJATA ELENJANA** Il-Kolleġġjata Elenjana, fil-qalba ta' B'Kara, bdiet tinbena fl-1727. Il-parti l-kbira minnha tlestiet fl-1745. Fl-istess sena l-knisja ġiet imbierka mill-Isqof Alpheran fid-19 t'April, u l-kolleġġjata u l-parroċċa ġew trasferiti hemmhekk. Waqt il-bini tal-kolleġġjata l-ġdida t-Terzjarji Karmelitani



talbu biex jingħataw kappella fil-knisja l-ġdida li ġiet milqugħa. Jidher ukoll li l-kwadru ta' l-altar li kien fil-knisja l-qadima ġie trasferit fil-knisja l-ġdida, billi l-kwadru li hemm fil-Kolleġġjata Elenjana għandu l-istess figuri li hemm fil-kwadru deskritt fil-Knisja l-Qadima.

**IL-FRATELLANZA TAL-MADONNA TAL-KARMNU (1805)** Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu f'B'Kara, żgur kompliet tikber bit-twaqqif tal-Fratellanza. Fl-1805 Mikiel Pace, li kien il-Prokuratur ta' l-altar tal-Madonna tal-Karmnu fil-Kolleġġjata Elenjana, għamel rikors lill-Isqof Vincenzo Labini, biex fl-istess knisja titwaqqaf il-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu. Ma' l-istess rikors ippreżenta wkoll l-istatuti tal-fratellanza l-ġdida, li hawnhekk se nsemmu wkoll minnhom.

(1) Kull fratell fid-dħul tiegħu fil-Fratellanza kellu jħallas 15-il **tari**, u 4 **tari** kull sena bħala għajnuna għall-Fratellanza.
(2) Il-Fratelli kellhom jilbsu konfratija bajda u muzzetta, iżda bl-inforra u buttuni suwed.
(7) L-imsemmija Fratellanza kellha tissolenizza l-festa tal-Madonna tal-Karmnu, kull sena, fil-Ħadd li jiġi wara s-16 ta' Lulju.
(8) Il-Fratellanza kellha takkumpanja fil-purċissjonijiet solenni tal-Kolleġġjata Elenjana. u fil-purċissjonijiet titulari tal-fratellanzi l-oħra. Iżda l-fratellanzi l-oħra kellhom jakkumpanjaw fil-purċissjoni tal-Fratellanza li kellha ssir fil-Ħadd fl-Ottava tal-Karmnu.

Wara li rċieva din it-talba, l-Isqof Labini fil-5 ta' Ġunju 1805 ordna li din kellha tintbagħat lill-Kan. Prepostu Dun Pietru Pawl Micallef biex jagħmel rapport fuqha. Min-naħa tiegħu, il-Prepostu Micallef fit-8 ta' Ġunju 1805 għamel relazzjoni favorevoli fuq din it-talba. B'riżultat t'hekk, nhar it-8 ta' Lulju 1805 l-Isqof Labini waqqaf l-imsemmija konfraternità u approva l-istatuti tagħha.

Matul is-seklu XIX, il-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu kompliet tiffunzjona fil-Kolleġġjata Elenjana, u niltaqgħu ma' l-ismijiet ta' żewġ prokurturi tagħha, li kienu Mastru Ġużeppi Sammut, li kien prokuratur fl-1866, u l-Kanonku Teologu Dun Alwiġ Debono, li ġie maħtur prokuratur ta' din il-Fratellanza fl-1890.

**FIL-KNISJA TA' SAN ALFONS** Fl-1896 il-Patrijiet Karmelitani Tereżjani ngħataw il-Knisja ta' San Alfons, fil-Wied, li kienet inbniet mis-Sur Alfons Micallef. Wara li l-Patrijiet Tereżjani bdew juffiċċjaw f'din il-knisja, **talbu** li l-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu. imwaqqfa fil-Kolleġġjata Elenjana, tiġi trasferita fil-knisja tagħhom. Is-Sagra Kongregazzjoni laqgħet it-talba, u fl-1904, wara li kienet ilha 99 sena tiffunzjona fil-Kolleġġjata Elenjana, il-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu ġiet trasferita għall-Knisja ta' San Alfons.



**Artal tal-Madonna tal-Karmnu li kien jinsab fil-Knisja ta' San Alfons**



**Referenzi**


i. V. Borġ, *Marian Devotions in the Island of St Paul,* Malta 1983, p. 151.

ii. Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.

iii. V. Borg, op. cit., p. 149. A. Ferris, *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo,* Malta 1866, p. 321.

iv V. Borg. *op. cit.*, p. 149.

v. A. Ferris, *op. cit.*, p. 315.

vi. Arkivju Kurja Arċiveskovili, *Suppliche* 1741-1761, Vol. 1.

vii. Ara *Malta Karmelitana. Tifkira tas-Seba' Ċentinarju tal-Labtu. Sittax ta' Lulju 1251-1951.*

viii. AKA, *Suppliche* 1786 - 1808, ff. 784v - 785v.

ix. Ibid. *Suppliche* 1866, f. 331.

x. Ibid., *Atti Curli* 1890, f. 15611. Huwa interessanti l-fatt li din il-Fratellanza ma kellhiex statwa tal-Madonna tal-Karmnu.

xi. A. Busuttil, *100 Sena ta' Ħidma Karmelitana Tereżjana f'B'Kara* fil-Programm tal-Festa tal-Karmnu, f'B'Kara 1996, pp. 22-23.

xii. E.B. Vella, *Storja ta' B'Kara bil-Kolleġġjata tagħha,* Malta 1934, p. 498. A. Busuttil, *op. cit.*, p. 28 Wara li l-Fratellanza ġiet trasferita fil-Knisja ta' San Alfons, sar xi tibdil fl-istatuti tagħha fl-1906.




**Il-Prepostu Em. Vella assistiet mill-Kan. Ignazio Psaila l-Prepostu li nħatar warajh, f'purċissjoni mill-Knisja ta' San Alfons għall-Bażilika ta' Sant' Elena fl-okkażjoni tas-700 sena ta' l-iskapular tal-Karmnu**

